MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2008

Numru. 23/2008

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Joseph Spiteri ta' 48 sena, bin Francis u l'Carmela nee' Zammit, imwieled Pieta, nhar it-2 ta' Mejju, 1959, residenti fil-fond "The Willows" Triq l-Għar ta' Ninu, Xagħra, Għawdex,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza li permezz tagħha Joseph Spiteri ġie akkużat talli ġewwa dawn il-gżejjer nhar it-22 ta' Marzu, 2008, u fi żminijiet ta' qabel minn ġewwa truck tal-għamla Ford Iveco tip Cargo li kellu n-numru tar-reġistrazzjoni IAE-446 fil-basement tal-blokk bini msemmi 'Olive Gardens', Triq is-Srug, Xagħra, Għawdex,

a) għamel jew xjentement żamm jew kellu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu xi sustanza esplossiva taħt dawk iċ-ċirkostanzi illi jagħti għaliex wieħed għandu bir-raġun jaħseb illi hu għamilha, żammha jew kienet għandu għal ħsieb mhux leċitu;

b) U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkustanzi daħħal f'Malta porvli ta' l-isparar, jew esplossivi oħra, inkella fetaħ jew żamm fabbriki tal-porvli jew xogħlijiet tan-nar, inkella fabbriki oħra fejn jinħadmu porvli jew esplossivi oħra, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-liċenzja ma tiġix mogħtija jekk kemm-il darba ma jittihdux il-prekawzjonijiet meħtieġa għall-ħarsien tal-ħajja u tal-proprjeta',

c) U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, żamm għal bejgħ jew ħażen provli ta' l-isparar jew esplossivi mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

d) U fl-aħħar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, xjentement ħalla li fond, illi tiegħu hu d-detentur jew għandu l-ħsieb jew il-kustodja, ġie wżat sabiex inżammu jew inħadmu fih porvli ta' l-isparar, esplossivi jew xogħlijiet tan-nar.

Rat id-dokumenti esebiti u ċioe' estratt miċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-akkużat, kopja tal-Fedina penali ta' l-istess akkużat, u stqarrija rilaxxjata minn l-istess akkużat fil-preżenza tal- ispettur Mifsud u PC 1371 Alfred Grech, debitament iffirmata minnu.

Rat ukoll il-verbal tal-legali ta' l-akkuzat maghmul fl-udjenza tal-lum, fejn ammetta l-akkużi pero' limitatament ghal kif indikat fl-istess verbal.

Il-Qorti għal hekk in vista ta' din l-ammissjoni u wara li rat l-artikli 28 (3) subinċiż 2, 27 u 29, tal-kapitlu 33 tal-Liġijiet ta' Malta; in vista wkoll tal-fedina penali ta' l-imputat; l-ammissjoni bikrija tiegħu, kif ukoll illi l-ammont ta' l-esplussiv misjub fil-fond tiegħu ma kienx ammont kbir,

Issib l-imputat ħati ta' l-artikolu 3 subinċiż 2, u taħt l-artikli 28 u 29 ta' l-istess Kapitlu 33 tal-Liġijiet ta' Malta, timmultah tletin lira (Lm30) taħt l-artiklu 27 ta' l-istess Kapitolu;  tletin lira (LM30) oħra taħt l-artikolu 28, u tletin lira (Lm30) taħt l-artiklu 29 ta' l-istess Kapitlu 33, b'kollox fl-ammont ta' mitejn u disa' ewro (E 209).

A tenur ta' l-artiklu 40 subinċiż 1, ta' l-istess Kapitlu, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-isplussivi misjuba, kif ukoll il-konfiska tat-trakk indikat fl-akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------